MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Numru 93/2013

**ILLUM 16 ta' Ottubru 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Pulis)
vs
Paul Tabone

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 365078(M);

1. Akkuzat talli fl-14 ta' Lulju 2012 ghall-habta tal-10.00hrs gewwa Triq Santu Rokku Zejtun, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal inqas minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1164.69 Euro), imma huma izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) u dan ghad-detriment ta' Reno Tabone u persuni ohra;

2. U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied jew mod iehor;

3. U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta' dagha;

4. U iktra talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil Reno Tabone u lil Stephanie Tabone biza li ser tintuza vjolenza kontriehom jew kontra l-propjeta taghhom;

5. Finalment akkuzat talli sart ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza, cioe Reno Tabone u Stephania Tabone jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont kif jipprovdi l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni, fuq liema insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, tiddikjarah u ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba konra tieghu;

Rat l-Artikoli 325(b), 338(dd), 338(bb), 251B, 49, 50 u 17 tal-Kap 9;

Tiddeciedi illi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446. Tapplika wkoll fil-konfront tieghu l-

Artikolu 338 et seq tal-Kap 9 ghaz-zamma tal-bon ordni u dan ghal perjodu ta' sena taht penali ta' 1000 Euro.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------